**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 8 ta' April 2025**

Rikors Numru: 357/2024 AL

A B

Vs

C D

(M.R. Numru 73/1988)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tieghu espona:

Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tlieta u ghoxrin ta' Jannar tas-sena elf disa mija u tmienja u tmenin (23/01/1988) (ara dok 1 anness) u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, E u F ahwa B illi llum huma maggorenni (dok 2 anness).

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b' kuntratt redatt min-Nutar Pubbliku Dr Josepf Masini Vento fil-hmistax ta' Lulju ta-sena elfejn u dsatax (15/07/2019),

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minhabba illi ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni ohrajn

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut f' dan l-istadju stante li t-tfal illum huma maggorenni u ma ġghixu ma' hadd mill-partijiet.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-

ksib ta divorzju skond I-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, 2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ragjonevoli imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet beix dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta’ Ottubru, 2024;

Rat illi l-intimata prezenti fl-awla, fuq domanda tal-Qorti wiegbet li m’ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta' Lulju 2019;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.